

uħm

VOICE OF THE WORKERS

# Proposti Għall-Budget 2021

WWW.UHM.ORG.MT

# Werrej

1. Ekonomija....2
2 .Ġlieda Kontra l-Prekarjat....4
3. Xogħol....6
4. Impjegati tal-Gvern....8
5. Telework....10
6. Fond tal-Iżvilupp għar-Riżorsi Umani....12
7. Taxxa....14
8. Tax Credits....16
9. Propjetà....18
10. Skemi ta' benefiċċji soċjali u housing....20
11. Dawl u Ilma....22
12 .Trasport....24
13. Traffiku/parkeġġ irħula....26
14. Edukazzjoni....28
15. Pensjonijiet....30
16. Familja....32
17. Persuni b'diżabilità....34
18. Ambjent....36
19. Bonus lill-ħaddiema tas-Saħħa....38
20. Għawdex....40
21. Sport....42




# EKONOMIJA

- Il-Gvern qed ikun imħeġġeġ sabiex jagħmel analiżi, settur b'settur, ħalli jiddetermina liema miżuri straordinarji jeħtieġu jsiru biex l-ekonomija ta' Malta tkun ristrutturata f'każi ta' emerġenza bħal Covid-19. Huwa ċar li l-irkupru ekonomiku f'setturi prinċipali se jieħu aktar żmien u jista' jkun li qatt ma nirritornaw għal-livelli ta' qabel il-COVID-19.

- Jeħtieġ li l-Gvern jibda jaħseb fuq proġetti li jistgħu jiġu finanzjati mill-fondi tal-UE. Dawn iridu jsiru pari passu mal-istrateġija maqbula mal-imsieħba soċjali u msejsa fuq l-analiżi ta' settur settur, sabiex b'hekk ma jkunx hemm lok għal ħela ta' ħin.

- Il-Gvern irid jibgħat sinjal ċar li se jkun qed ipoġġi s-sostenibbiltà soċjali u ekonomika fuq quddiem nett tal-aġenda tiegħu. Is-sitwazzjoni ekonomika mhix kif kienet qabel il-COVID-19. Huwa evidenti wkoll li l-ekonomija trid tiristruttura ruħha għax xi setturi mhumiex sostenibbli bħalma wieħed kien qed jaħseb. Setturi bħat-turiżmu kibru lil hinn mil-livelli li jistgħu jiġu sostnuti f'pajjiż żgħir bħal tagħna. Is-sitwazzjoni issa hija opportunità biex wieħed jerġa' janalizza dan is-settur u tingħata importanza lil dawk is-setturi sostenibbli bħal il-*Green Economy* u d-diġitalizzazzjoni.

- Għandu jsir studju biex tiġi analizzata l-implikazzjoni li qed iħallu ħaddiema li ġejjin minn barra l-UE f'Malta.





# ĠLIEDA KONTRA L-PREKARJAT

Kull impjieg għandu jsir permezz ta' kuntratt tax-xogħol bil-miktub li jkun aċċessibbli mill-portal tal-*Jobs+*. Talli kuntratti jkunu jistgħu jiġu mibdula skont l-impjieg (minn diversi abbozzi) iżda l-kundizzjonijiet stipulati bil-liġi ma jistgħux jiġu mnaqqsa jew imneħħija. Dan ifisser li kull impjegat ikollu kuntratt tax-xogħol bil-miktub u li tingħata kopja lil *Jobs+* meta ssir ir-reġistrazzjoni tal-impjieg. Din il-miżura tnaqqas ħafna mill-abbużi.

Ikun hemm uffiċċju jew dipartiment li jinforza u jżomm regoli ċari fuq impjegati li jiġu minn pajjiżi barra mill-Unjoni Ewropea ħalli jiġi evitat abbuż fuq dawn l-individwi.

Il-pożizzjoni ta' din il-*union* rigward in-negozjar kollettiv għadha l-istess. L-uniku mod kif il-kundizzjonijiet tax-xogħol jibqgħu jitjiebu hu bi sħubija fi *trade union* u billi l-ħaddiema jkollhom parti integrali fl-entità li tħaddimhom. Permezz ta' sħubija fi *trade union* il-prekarjat ma jibqax jeżisti. Il-UĦM *Voice of the Workers* dejjem insistiet li għandu jkun hemm sħubija mandatorja għal min għandu paga taħt il-medja.

Ħaddiema li jaħdmu mal-kuntrattur, li huma subcontracted mill-Gvern għandhom jingħataw kemm l-istess ħlas kif ukoll ikunu intitolati għal *increments/żidiet, progressions, automatic promotions* u *allowances* marbuta ma' tali xogħol skont kif ikun stipulat fil-ftehim kollettiv tal-post tax-xogħol fejn qed iwettqu dmirijiethom.





# XOGĦOL

- Issir reviżjoni tal-*Wage Regulations Orders* biex tispiċċa d-diskriminazzjoni u jiġi rispettat il-prinċipju tal-paga ugwali għal xogħol ugwali.

- Issir sistema ta' *job evaluation* għall-ħaddiema tas-snajja' li mhumiex kwalifikati. Kienet tnediet skema ta' skill cards għall-ħaddiema tal-kostruzzjoni u xogħolijiet relatati, iżda din qatt ma tħaddmet sew. Din l-iskema għandha tiġi organizzata aħjar fis-setturi kollha u anke fil-privat biex impjegati tajbin fis-snajja', (imma mingħajr kwalifiki) xorta jkollhom iċ-ċans biex javvanzaw.

- *Sick leave* li ma jkunx qed ġie utilizzat jista' jintuża f'każ ta' mard serju. Dan ifisser li wieħed jibqa' jirċievi kumpens mis-Sigurtà Soċjali. Is-*sick leave* wkoll jista' jiġi użat meta l-ulied ikunu morda u meta ż-żewġ ġenituri jaħdmu.

- Il-Ħdud jitħallsu b'rata doppja.

- Tiġi implimentata t-tieni fażi tal-ftehim dwar il-paga minima.

- Sabiex jinħoloq aktar bilanċ fid-dinja tax-xogħol bejn is-sessi jkun opportun li ż-żmien ta' servizz jibqa' jgħodd b'mod sħiħ f'każ li mpjegat jieħu miżuri bħal *parental leave, reduced hours* jew kull tip ta' *Family Friendly Measures* oħra.

- Dawk il-ħaddiema li jweġġgħu fil-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiethom għandhom jingħataw l-allowances b'mod sħiħ meta jkunu bl-*injury leave.*

- L-*Injury leave* jiġi estiż għal perjodu massimu ta' sentejn u l-benefiċċji għandhom jinkludu kemm il-paga, il-benefiċċji l-oħra kollha relatati mal-impjieg (*fixed allowances*) kif ukoll ħlas relatat mal-kura u mediċini. Tali ħlasijiet għandhom jingħataw minn fond maħluq apposta u amministrat mill-Gvern b'rappreżentazzjoni mill-imsieħba soċjali.



# IMPJEGATI TAL-GVERN

- Il-*Vacation leave* kollu jista' jittieħed bis-sigħat, l-inqas minimu ta' siegħa. B'hekk jinħoloq aktar bilanċ bejn il-ħajja privata u dik tax-xogħol.

- Għandu jkun hemm mekkanizmu fejn persuna li tkun b'kuntratt definit, li għandu *objective reason*, ikun jista' jikkontesta tali *objective reason* quddiem Bord indipendenti.

- Il-miżuri kollha favur il-familja jibqgħu jiġu onorati f'każ li persuna tiċċaqlaq minn post għall-ieħor anke f'każ ta' promozzjoni.

- L-*allowances* kollha relatati mal-impjieg jibqgħu jitħallsu waqt is-*sick leave* kollu u mhux jinqatgħu wara 15-il ġurnata sick meta l-ħaddiema għandhom 30 ġurnata *sick* on *full pay*.





# TELEWORK

Il-Gvern huwa mħeġġeġ biex jiddiskuti mal-imsieħba soċjali, skemi ta' *telework* fuq bażi permanenti. Dawn l-iskemi għandhom jikkunsidraw ċirkostanzi individwali bħal: il-bżonn ta' *childcare* u faċilitajiet teknoloġiċi. It-*telework* huwa ta' benefiċċju, kemm biex jitnaqqas it-tniġġis mit-traffiku, kif ukoll biex ikun hemm bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja.

Ma jsir ebda tnaqqis ta' *allowances* meta l-ħaddiema jkunu qed jaħdmu bit-*telework*.





# FOND TAL-IŻVILUPP GĦAR-RIŻORSI UMANI

Għandu jitwaqqaf fond apposta li jagħmel tajjeb għall-investiment fir-riżorsi umani fid-dinja tax-xogħol. Tali fond ikun amministrat mill-korpi kostitwiti u jiffoka l-aktar fuq riċerka sabiex b'hekk ikun hemm informazzjoni tajba meta wieħed jiġi biex ifassal u jimplimenta l-*Active Labour Market Policy*. B'din il-proposta l-impjegat ikollu l-opportunità li juża dan il-fond għall-ħlas ta' miżata jew parti minnha għall-*union* tal-għażla tiegħu.





# TAXXA

- Il-UĦM *Voice of the Workers* qed tistenna spjegazzjoni ċara dwar il-pożizzjoni fiskali tal-Gvern u kif id-differiment ta' ħlasijiet tat-taxxa jista' jkollu mpatt mhux biss fuq il-*Budget* 2021 imma anki lil hinn minnu. L-aħħar ħaġa li nistennew hi li l-Gvern iċċaqlaq il-piż tat-taxxa fuq ħaddiema bil-paga jew bis-salarju biex jikkumpensa għal xi nuqqas ta' dħul mit-taxxa. L-esperjenza tal-Greċja, meta miżuri ta' awsterità kienu imposti ftit tas-snin ilu, tfakkarna fl-effetti devastanti ta' tali miżuri fuq il-ħaddiema bi dħul baxx.

- Titnaqqas it-taxxa tal-*part timers* għal 10 fil-mija għal dawk il-persuni li diġà jaħdmu *full time*.

- Is-sahra tkun intaxxata b'10 fil-mija.

- Il-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali mħallsa mill-ħaddiema titnaqqas mid-dħul taxxabbli annwali tal-ħaddiem/a jew ma tkunx taxxabbli.

- Ma titħallasx taxxa fuq propjetà li tiġi minn wirt minn familjari oħra apparti ġenituri (eż: eżenzjoni mit-taxxa lin-neputijiet f'każ li m'hemmx ulied).

- Sabiex tiġi stimolata l-ekonomija qed jiġi propost roħs ta' tassazzjoni fuq is-servizzi. Preżentement it-tassazzjoni fuq servizzi tammonta għal 18% bħala VAT + l-individwu jħallas mill-inqas 15% bħala *income tax*. Dan ifisser li l-Gvern qed jieħu 33% jew aktar fuq is-servizzi. Din is-sistema qed toħloq żbilanċ fil-kompetittività speċjalment meta hemm sistema li persuna tista' tkun eżentata mill-VAT. Għal dan il-għan qed jiġi propost li l-ħaddiema li joffru servizzi u qed jiġbru 18% VAT fuq is-servizzi tat-taxxa għandu jkollhom tnaqqis ta' 5% (jew 10%) minn fuq l-*income tax* tagħhom.



# TAX CREDIT

- *Tax credits* lill-kumpaniji li jinvestu fit-teknoloġija, sabiex il-ħaddiema jkunu jistgħu jaħdmu mid-dar skont ftehim ma' min iħaddem.
- *Tax credits* li jinċentivaw il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja.





# PROPJETÀ

- *First time buyers* ma jħallsux għall-installazzjoni tal-meters ġodda tad-dawl u l-ilma.
- Fl-iskema *first time buyers* tiġi estiża l-capping għal €250,000 u japplika wkoll għal second time buyers li ma jkunux ibbenefikaw mit-tali skema u li jixtru propjetà residenzjali għax ikunu biegħu li kellhom.
- Persuni li xtraw xi propjetà bħal: garaxx jew qabar ma jitilfux l-iskema tal-*first time buyer* jew *second time buyer*.
- F'każ ta' koppji li jkunu sseparaw u ma jkunux f'pożizzjoni li jħallsu 10 fil-mija tal-propjetà residenzjali l-ġdida, il-Gvern għandu jagħmel tajjeb għall-garanzija bankarja u jkun hemm rata ta' imgħax sussidjata. Tali self m'għandu jkollu ebda mpatt fuq it-titolu tal-imsemmi propjetà.
- Għandha tiġi introdotta taxxa addizzjonali fis-sena għall-propjetà li tkun għolja 'l fuq minn ħames sulari. Din it-taxxa għandha tiżdied ma' kull sular addizzjonali.
- Kirjiet ta' propjetà għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' Awtorità Regolatorja sabiex jinħolqu standards dwar kif jiġu amministrati l-kirjiet bħall-ammont ta' persuni fil-post mikri għal kull kamra tas-sodda fil-permess maħruġ mill-MEPA. Tali miżura ġġib ġustizzja kemm mal-persuni li jikru, biex ma jsirx abbuż fuqhom, kif ukoll trattament ugwali bejn il-kerrejja nfushom.
- Propjetajiet li jkunu battala għal aktar minn ħames snin ikunu eżentati mit-taxxa. Ix-xerrejja ta' dawn it-tip ta' propjetajiet ma jħallsux taxxa. Tali miżura għandu jkollha data ta' skadenza sabiex l-abbuż ikun evitat. Il-miżura trid tkun marbuta b'mod li ma jsirx żvilupp ieħor.
- Irid isir aktar tisħiħ fl-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fil-Post tax-Xogħol u l-infurzar tar-regolamenti. L-iżviluppaturi jridu jingħataw il-permess qabel ma jibdew il-proġetti tagħhom fil-kostruzzjoni.
- Multi li jingħataw lil min imur kontra r-regolamenti tal-kostruzzjoni għandhom imorru f'fond sabiex ikunu kumpensati l-vittmi ta' min ikun ġarrab ħsarat jew twaqqigħ fil-propjetà tiegħu kawża ta' negliġenza minn min kien responsabbli mill-iżvilupp.



# SKEMI TA' BENEFIĊĊJI SOĊJALI U HOUSING

- Għandhom isiru reviżjonijiet ta' dawn l-iskemi/benefiċċji b'tali mod li jirriflettu l-prezzijiet, l-infiq u l-valur ta' propjetà tal-lum.

- Huwa importanti li s-settur tal-*Housing*, ma jibqax jiġi ddettat mill-forzi tas-suq. Teħtieġ rieda politika li twassal għall-prezzijiet iktar affordabbli. Din tirrikjedi kontinwazzjoni tas-sussidji fuq self għal xiri tal-ewwel dar u iktar *housing* soċjali affordabbli mill-istat. Għandu jkun hemm proposti favur għajnuniet finanzjarji lil min se jixtri l-ewwel dar u lil min qiegħed jaffaċċja problemi ekonomiċi, bħal telf ta' mpjieg jew dħul fl-età pensjonabbli.





# DAWL U ILMA

- Il-kontijiet tad-dawl u l-ilma għandhom jiġu simplifikati sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jifhmuh.

- Għandha tiddaħħal miżura biex il-kont tad-dawl u l-ilma jiġi simplifikat biex jifhmuh in-nies.

- Għandu jkun hemm il-possibbiltà ta' medjazzjoni sabiex il-konsumatur qatt ma jsib ruħu f'sitwazzjoni fejn irid iħallas bilfors għax inkella jispiċċa bla dawl u bla ilma.

- Peress li din is-sena l-ammont ta' konsum ta' dawl u ilma se jkun għola mis-snin preċedenti minħabba l-COVID 19, il-Gvern għandu jagħti *vouchers* li jkun jistgħu jintużaw bħala rifużjoni fuq il-kontijiet tad-dawl u l-ilma.





# TRASPORT

- Il-COVID-19 naqqas il-livelli ta' emissjonijiet kawżati mit-trasport. Għalhekk, għandu jkun hemm aktar miżuri biex jitnaqqas l-użu tat-trasport privat fosthom: *hubs* li kienu ġew proposti minn din il-*union* għal *budgets* preċedenti.

- Ikun provdut trasport alternattiv (mhux il-karozzi) li jilħaq lil kull resident (mhux għat-turisti).

- *Fast Ferry* għall-passiġġieri biss minn Għawdex għal Tas-Sliema, il-Belt Valletta u l-Birgu.

- Vetturi li huma reġistrati b'*number plates* ħomor għandhom iħallsu l-liċenzja annwali pro-rata għall-*weekends* u festi pubbliċi. Dan ifisser li dawn il-vetturi jħallsu terz tal-liċenzja tal-istess vettura li għandha *number plates* normali.

- Tingħata opportunità lil dawk il-karozzi diġà reġistrati kemm b'liċenzja valida jew garaged li jistgħu jħallsu liċenzja mnaqqsa ta' 30 fil-mija, jekk jintużaw fil-*weekends* u festi pubbliċi biss. Din mhux offruta llum il-ġurnata ħlief għall-karozzi li jkunu għadhom se jiġu reġistrati f'Malta l-ewwel darba.

- Wara diversi miżuri li nħarġu biex jingħata trasport pubbliku b'xejn lil ċertu setturi tal-popolazzjoni, ikun opportun li t-trasport pubbliku b'xejn jingħata lill-ħaddiema sabiex imorru u jiġu mill-post tax-xogħol tagħhom. Dan iwassal sabiex inaqqas numru ta' vetturi privati mit-toroq f'*peak hours* u jiżdied l-aċċess għall-parkeġġ f'żoni fejn hemm ħafna postijiet tax-xogħol. B'hekk ikun hemm aċċess akbar għall-klijenti u r-residenti u tnaqqis sostanzjali mit-tniġġis.

- Impjegati jew *employers* li jorganizzaw trasport għall-ħaddiema għandhom jingħataw rifużjoni tal-ispejjeż marbuta mat-trasport.



# TRAFFIKU/PARKEĠĠ IRĦULA

- *Dealers* tal-karozzi ma jitħallewx jipparkjaw vetturi fit-toroq biex ma jittieħdux spazji ta' parkeġġi li saru limitati.
- F'ċerti rħula, jerġgħu jiġu introdotti sigħat limitati ta' parkeġġ għal min mhux residenti.





# EDUKAZZJONI

- Il-Gvern irid jagħmel ħafna iżjed f'termini ta' nfiq pubbliku dwar ir-riċerka u l-iżvilupp kif ukoll jinvesti iżjed fl-edukazzjoni taż-żgħażagħ. In-numru ta' studenti li qed jieqfu mill-istudji tagħhom fl-MCAST huwa ta' tħassib speċjalment jekk l-irkupru ekonomiku jieħu iżjed fit-tul.

- L-aċċess għall-*broadband* għandu jkun provdut lill-familji bi dħul baxx sabiex l-edukazzjoni *online* tkun appoġġjata.

- Arranġamenti għall-edukazzjoni *online* fil-livelli kollha għandhom ikunu formalizzati.

- Bħalma jissussidja għalliema kurrikulari, il-Gvern għandu wkoll jissussidja għalliema extra-kurrikulari fl-iskejjel tal-Knisja u tal-Privat.

- L-istudenti kollha sal-livell sekondarju jingħataw skema ta' qari *online* b'xejn.





# PENSJONIJIET

- Irid isir studju dwar il-pensjonanti preżenti sabiex jiddetermina kemm għandha tkun il-pensjoni minima. B'hekk inkunu nafu b'mod xjentifiku kemm għandha tkun din il-pensjoni ħalli l-pensjonanti jlaħħqu mal-ħajja.

- Tkompli ssir enfasi fuq il-pensjoni tat-Tieni Pilastru. Din it-tip ta' pensjoni tissupplimenta d-dħul għal dawk li jiddependu biss mill-pensjoni tal-Ewwel Pilastru f'sitwazzjoni fejn il-*capping* qed tillimita l-pensjoni ta' numru kbir ta' ħaddiema. Nipproponu li l-pensjoni tat-Tieni Pilastru tiddaħħal b'mod volontarju u l-aktar fejn jeżisti ftehim kollettiv.

- Il-*bonus* għall-anzjani jibda jingħata minn 70 sena 'l fuq filwaqt li jiżdied l-*bonus* għal dawk li għandhom aktar minn 75 sena.

- Kunsilli lokali jimpjegaw nies li jkunu jistgħu jżuru u jgħinu lil dawk l-anzjani li jgħixu waħedhom fil-komunità.

- Ħaddiema li jaqilgħu paga aktar minn dik li fuqha hu maħdum il-*capping* għall-pensjoni għandhom jingħataw l-opportunità li titħallas il-bolla fuq il-kumplament tas-salarju tagħhom u li b'hekk igawdu pensjoni ta' 2/3 tad-dħul li jkunu daħlu u f'dan il-każ il-*capping* ma jiġix applikat.

- Jingħata d-dritt lill-impjegati biex jestendu l-impjieg tagħhom sa tmiem is-sena meta jilħqu l-età tal-irtirar. Permezz ta' din l-inizjattiva l-impjegati jkunu ħallsu l-bolla kollha tas-sena u b'hekk il-pensjoni tkun aħjar.

- Il-gvern għandu jkompli bi proġetti pilota għal trasport b'xejn għaċ-ċittadini f'kull lokalità bħalma hemm in-Naxxar.



# FAMILJA

- Għandha tidħol fis-seħħ id-direttiva tal-UE sabiex ikun hemm bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja. Dan sabiex b'hekk jiżdied:
  - Il-*Carers leave* – ħaddiema li jipprovdu kura personali jew appoġġ lil xi membru mill-familja jkunu intitolati għal ħamest ijiem leave addizzjonali kull sena;
  - Il-*Paternity leave* – taħt din id-direttiva, il-missirijiet ikunu jistgħu jieħdu mill-inqas għaxart ijiem bħala paternity leave meta jkun hemm twelid ta' tarbija.

- Il-*leave* tal-maternità għandu jiżdied għal 26 ġimgħa b'erba' ġimgħat minnhom jeħodhom missier it-tarbija. Din il-miżura mhux biss tgħin sabiex tiżdied ir-rata tal-fertilità iżda wkoll tippromwovi l-ugwaljanza fir-responsabbiltajiet tal-familja.

- Jingħata ħlas kull ġimgħa mill-Gvern lil dawk il-ħaddiema li jkunu fuq *unpaid leave* sabiex jieħdu ħsieb lil xi persuna anzjana fil-familja jew tfal li jkunu morda. Dawn il-ħaddiema ma jistgħux jibbenefikaw mill-ħlas 'Tal-Wens' għax għadhom fl-impjieg. Barra minn hekk, il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali matul il-perjodu tal-*unpaid leave* jkunu kreditati.

- Il-leave ta' emerġenza jiżdied minn 16-il siegħa għal 32 siegħa.

- Tiġi ddedikata ġurnata f'kull post tax-xogħol fejn matulha jkun hemm *wellbeing sessions/workshops* għall-ħaddiema. Dan sabiex ikun hemm iktar għarfien dwar is-saħħa mentali.

- Il-Klabb 3-16 u l-*Breakfast Club* għandhom ikunu offruti lill-istudenti kollha anke jekk il-ġenituri ma jaħdmux. Sal-lum, Klabb 3-16 jibda meta tintemm l-iskola tal-Gvern fis-2.30 p.m. u dan meta hemm diversi skejjel tal-Knisja u tal-Privat jispiċċaw qabel. Għalhekk hemm problema għall-ġenituri fejn se jħallu lil uliedhom bejn il-ħin li tispiċċa l-iskola u meta jibda Klabb 3-16.

- Għandu jkun hemm *Child Care Centres* li joffru ħinijiet alternattivi.



# PERSUNI B'DIŻABILITÀ

- Jiġi mtejjeb il-kriterju għal min irid jixtri karozza jew vann modifikat li jkun jista' jgħabbi siġġu tar-roti. Dan sabiex ikunu jistgħu jsiru applikazzjonijiet għal eżenzjoni mit-taxxa.

- Tiżdied il-pensjoni għall-persuni bi bżonnijiet speċjali u għall-persuni li jbatu minn mard mentali gravi. (Huwa diffiċli għal dawn il-persuni vulnerabbli li jżommu mpjieg *full-time*).

- Ikun hawn residenzi għall-persuni bi bżonnijiet speċjali li jservu bħala kenn u jkunu mgħammra b'apparat tas-sigurtà. Tali residenzi jkunu addattati għall-klijenti li ma jkunux indipendenti biżżejjed sabiex jgħixu waħidhom fil-komunità.





# AMBJENT

- Tiddaħħal inizjattiva dwar rifużjoni għall-fliexken tal-plastik.

- Ikun hemm sistema ta' sussidju akbar fuq xiri ta' vetturi li jaħdmu totalment bl-elettriku. Kull persuna li tagħżel li tbiddel vettura antika u minflokha tixtri mutur tal-elettriku jew inkella b'ċilindrata ta' 125cc jew anqas, għandu jingħata *voucher* ta' €2,500. Dan biex jitnaqqas it-tniġġis fl-ambjent.

- Din il-*union* qed tipproponi li f'kull belt u raħal ikun hemm bring-in-sites żgħar fejn wieħed jista' jarmi ż-żibel skont kif jinġabar, jiġifieri materjal riċiklabbli u skart domestiku. Dan għaliex il-ħin li jagħti l-kunsill lokali mhux neċessarjament jaqbel mal-ħajja tal-persuna li tgħix fil-lokal u għaldaqstant tispiċċa toħroġ l-iskart kmieni wisq. Dawn il-*bring-in-sites* għandhom jaħdmu bħal iBin li javża lill-kuntrattur meta jkun kważi imtela ħalli dejjem ikun aċċessibbli biex jintuża mill-ġdid.

- Mekkaniżmi serji fil-prinċipju ta' min iħammeġ iħallas.





# BONUS LILL-ĦADDIEMA TAS-SAĦĦA

Il-UĦM *Voice of the Workers* tipproponi bonus li jingħata darba lill-ħaddiema fis-settur tas-Saħħa li ħadmu taħt stress kontinwu għal dawn l-aħħar ħames xhur u li l-ħidma tagħhom kienet strumentali fil-kura kontra l-COVID-19. Ir-riskju tat-tieni mewġa ma jistax jiġi mwarrab fid-dawl ta' żviluppi li qed iseħħu fi Spanja, fil-Greċja u fil-Belġju.





# GHAWDEX

- Għandu jkun hemm inċentiv fuq il-VAT għall-perjodu ta' snin sakemm l-ekonomija terġa' tirpilja mill-COVID-19. Għaldaqstant, għal dawk li joffru servizz minn €20,000 it-threshold għandha tiżdied għal aktar minn €35,000. Għandu jkun hemm ukoll tnaqqis tal-VAT għal dawk kollha li joperaw u jħaddmu nies minn Għawdex.

- Għandu jinġieb aktar xogħol *back office* u ta' kwalità f'Għawdex.

- Tingħata għajnuna lill-korpi kostitwiti Għawdxin sabiex ikollhom postijiet adegwati minn fejn jaħdmu.

- Għandu jsir pjan għall-perjodu ta' wara l-COVID-19 speċifikament għal Għawdex li jikkunsidra xenarji differenti.

- Il-ħaddiema Għawdxin, li jaħdmu Għawdex għandhom ikollhom l-istess salarju tal-ħaddiema Maltin li jagħmlu l-istess xogħol Malta. Il-Gvern għandu jindirizza din il-problema u ma jħallix din id-diskrepanza għaddejja.





# SPORT

- Tingħata rifużjoni sa €200 fis-sena għal dawk li jissieħbu f'*gym* jew jixtru apparat marbut mas-saħħa fiżika. B'din l-inizjattiva nkunu nistgħu nissalvagwardjaw is-saħħa tal-bniedem u niġġieldu l-obeżità.

- Aktar inċentivi fl-użu ta' riżorsi tat-taħriġ għal dawk l-adulti li jipprattikaw xi sport fuq livell semi-professjonali u għajnuna lil min jitħarreġ f'xi dixxiplina sportiva barra minn Malta.






uhm

VOICE OF THE WORKERS

2590 5000

INFO@UHM.ORG.MT

UHM, St. Thomas Street Floriana

WWW.UHM.ORG.MT